Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 494/2015

Il-Pulizja

Spettur Maurice Curmi

Vs

Epifanio Azzopardi

Illum 30 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Epifanio Azzopardi detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 493662M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli f'Ottubru 2011 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ircieva minghand Giuseppe Falzon detentur tal-karta tal-identita' numru 888737(M), Albert Falzon detentur tal-karta tal-identita' numru 646561(M) u Stephen Zammit detentur tal-karta tal-identita' numru 126371(M) xi weghda li jinghata, lilu jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet, jew xi qligh iehor taht liema ghamla li jkun b'eccess minn dak li jkun permess bil-ligi, ai termini tal-artikoli 18 u 298C tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' Ottubru, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18 u 298C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu inkwantu li rcieva imghax in eccess impost mil-ligi minghand Albert Falzon u Stephen Zammit izda mhux Giuseppe Falzon u ikkundannatu ghal sitt (6) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien sentejn (2) u ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' erbat elef euro (€4,000). F'kaz li l-multa jew parti minnha ma tithallasx din tigi konvertita fi prigunerija.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Epifanio Azzopardi, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-5 ta' Novembru, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonferma fejn ma sabitx lill-appellant hati li ricieva imaghax in eccess impost mill-ligi minghand Giuseppe Falzon, u izda tirrevoka u thassar is-sentenza appellata fejn l-appellant instab hati tal-ewwel akkuza u cioe li rcieva imghax in eccess impost mill-ligi minghand Albert Falzon u Stephen Zammit, u konsegwentement tilliberah minn din l-imputazzjoni u l-konsegwenti htija u piena; alternattivament u biss f'kaz li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-aggravji tal-appellant dwar is-sejbien ta' htija u ghalhekk tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward tas-sejbien tal-htija, l-appellant jilob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena nflitta ghal wahda aktar miti u idoneja fid-dawl tac-cirkostanzi u n-natura tal-kaz kif fuq spjegati.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-appellant hass ruhhu aggravat minn din is-sentenza u qed jinterponi umiliment appell minnha.

Illi mill-ewwel l-esponent jaghmilha cara li hu m'huwiex jappella minn dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti ma sabitx lill-imputat hati li rcieva imghax in eccess impost mill-ligi minghand Giuseppe Falzon. L-appellant gieghed jappella minn dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti sabitu hati talli rcieva imghax in eccess impost mil-ligi minghand Albert Falzon u Stephen Zammit.

Illi l-aggravji huma can u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti :-

1. Illi minn imkien ma jirrizulta li bejn il-kwerelant Albert Falzon u l-appellant kien hemm ftehim dwar rata ta' imghax li taccedi t-tmien fil-mija.

Illi preliminarjament l-esponent gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza u kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi.

Bl-aktar dovut rispett lejn id-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti rigwardanti din l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, fi-umli fehma tal-esponent, il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova fil-grad rikjest mil-ligi l-elementi kollha u/jew uhud minnhom li jikkostitwixxu d-delitt tal-usura ai termini tal-artikolu 298C tal-Kodici Kriminali.

Ghandu jinghad mill-bidu nett ukoll, li l-prosekuzzjoni f'dan il-kaz ippruvat tibni l-kaz taghha esklussivament madwar ipotesi wahda mahsuba mill-Kodici Kriminali u cioe' madwar allegazzjoni ta' self ta' flus allegatament b'imghax ghola minn dak permess mil-ligi. Ghaldaqstant, ghal kull buon fini, u minhabba l-linja msemmija mehuda mill-prosekuzzjoni, l-esponent sejjer jittratta l-elementi tad-delitt su riferit in linea ma' din l-ipotesi biss u mhux mal-ipotesijiet l-ohra koliha possibbli li l-artikolu 298C tal-Kap 9 jippostula.

L-artikolu 298C (l) li tahtu l-Ewwel Qorti sabet htija jghid testwalment li :-

*"Kull mm jircevi minghand xi hadd iehor jew jikseb minghand xi hadd iehor xi weghda li jinghataw, lilu jew lill ohrajn, b 'korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet jew xi qliegh iehor taht liema ghamla jkun b 'eccess minn dak li jkun permess bil-ligi, jehel meta jinsab hati, il-piena ta ' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tmintax il-xahar u ghal hlas ' multa. . .."*

Illi ghalhekk l-element mehtieg fil-ligi taghna hu li f'dan il-kaz l-esponent ikun kiseb weghda li ser jinghata b'korrispettiv ta' self, imghaxijiet jew xi qliegh b'eccess tar-rata ta' tmienja fil-mija permess bil-ligi.

Illi ghalhekk li kellu jigi stabilit f'dan il-kaz hu jekk jirrizultax li fuq dan is-self li nghata lli Albert Falzon u lill Stephen Zammit kienx qed jithallas bhala korrispettiv imghax jew qliegh iehor u jekk dan l-imghax jew qliegh iehor kienx in eccess ghal dak permess mill-ligi. F'dan ir-rigward mill-ewwel jigi rilevat illi in kwantu ghal Albert Falzon fl-ebda hin ma tressqet il-prova li sar xi tip ta' ftehim bejnu u bejn l-esponenti li s-self inghata lilu bir-rata li teccedi t-tmienja fil-mija. Kull ma xehed Albert Falzon kien illi huwa ssellef somma ta' flus minghand l-esponent li hu kellu jhallas lura f'pagamenti ta' Lm 25 fil-gimgha. Li naqas milli jghid Albert Falzon kien il-perjodu li fih huwa u l-esponent kienu ftehmu li l-ammont misluf kellu jintradd lura. Il-prosekuzzjoni fi-ebda hin ma ressqet il-prova rikjesta sabiex tissussisti din l-akkuza li kien hemm accettazzjoni da parti ta' Albert Falzon, jew impozizzjoni da parti tal-esponent li l-flejjes mislufa ghandhom jinghataw lura b'rati ta' imghaxijiet ghola mm dawk permessi bil-Ligi. Ghalhekk fir-rigward tal-kwerelant Albert Falzon ma jista' qatt jinghad illi l-esponent ircieva minghand l-istess kwerelant jew kiseb minghandu '. . .*xi weghda li jinghataw, lilu jew lli ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet jew xi qliegh iehor taht liema ghamla jkun b'eccess minn dak li jkun permess bil-ligi'* u b'hekk inkwantu s-self moghti lil Albert Falzon ma ngabet l-ebda prova, fl-ebda grad ikkontemplat mil-ligi, li jun l-ezistenza ta' dan l-element daqstant krucjali.

Illi mbaghad il-kwerelant Stephen Zammit jghid li kien hemm ftehim li fuq self ta' Lm500 hu kien thallas lura is-somma ta' Lm800. Dwar dan l-appellant ser jissottomessi aktar 'il quddiem f'dan ir-rikros tal-appell.

2. Illi l-Ewwel Qorti kienet legalment zbaljata meta waslet ghall-konkluzjoni erronja li l-kwerelanti kienu hallsu dak dovut lill-appellant minghajr ebda prova sufficcjenti tal-hlas intier.

Illi l-Ewwel Qorti kienet legalment zbaljata meta sabet il-htija fl-appellant dwar din l-akkuza abbazi tal-allegazzjoni tal-kwerelant Albert Falzon u Stephen Falzon kienu hallsu dak kollu dovut lill-istess appellant izda hu baqa' jigri warajhom ghall imghax. L-ezercizzju primarju li kellha taghmel l-Ewwel Qorti kien li tezamina jekk bejn il-partijiet kienx hemm xi tip ta' ftehim dwar hlas ta' imghax i jeccedi dak permess mill-Ligi izda mhux li tiddeduci jekk effettivament kienx sar il-hias. Jidher pero' li l-Ewwel Qorti ghamlet dan l-ezami billi kkonkludiet li l-kwerelant Albert Falzon U Stephen Falzon kienu halisu dak kollu dovut lill—appellant minghajr ma ressaq ebda prova ta' pagament u dana nonostante li skont ix-xhieda tieghu tas-l6 ta' Mejju 2012 Albert Falzon jghid li missieru '*kien itih twenty five missieri fil-gimgha u kien fiffirmalu li taghhomlu*'. Albert Falzon x'skont kif xehed (a fol 95) kien izomm notebook li fuqu l-appellant kien iffirma li kien ircieva pagament ta' Lm 25 li ghal ragunijiet ovvji baqa' ma gie esebit qatt fi-atti ta' dina l-kawza. F'dan ir-rigward l-esponent ifakkar illi fil-kamp civili min jallega l-hlas ghandu jressaq il-prova, u fin-nuqqas jigi kkundattat sabiex ihallas dak mitlub mill-kreditur. Dan hu tant wisq aktar mehtieg fil-kamp kriminali sabiex tinstab il-htija fl-akkuzat.

3. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti f'dina l-kawza.

Illi jekk ghall-grazzja tal-argument wiehed kellu jistrieh fuq il-konkluzjoni li ma kienx jispetta fuq il-kwerelanti li jressqu prova tal-pagamenti allegatament affetwati minnhom, jekk wiehed jezamina dan il-kaz abbazi ta' principji legali sani u accettati mill-Qrati taghna, mill-ewwel jinduna kemm il-konkluzjonijiet li waslet ghalihom l-Ewwel Qorti jikkollassaw fattwalment wahda wara wahda. Ghalhekk dan l-aggravju hu dwar dwar apprezzament tal-provi prodotti, u ta' provi li setghu jigu prodotti imma li ma gewx, japplika dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "R. v. Cooper" ([l969] l QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (l) (a) tal-Criminal Appeal Act, l968), fis-sens li "the overall feel of the case —

including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings — leaves the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed." (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392), u ghathekk jehtieg li jsir ezami approfondit tal-provi w tal-motivazzjoni kontenuta fis-sentenza appellata, minn fejn ghandu jirrizulta b'mod lampanti li l-Ewwel Qorti ma setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni ta' htija.

Illi f'dan ir-rigward tajjeb li jinghad illi l-Ewwel Qorti sfortunatament l-Ewwel Qorti ma kellhiex quddiema d-dehra tal-kawza fi-intier taghha billi l-parte civile xehdu quddiem il-Magisrtat (illum Imhallef) Dr. Edwina Grima. B'hekk l-Ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha billi ma keithiex l-opportunita' li tara l-parte civile jixhdu viva voce u b'hekk ma setghetx tqis l-imgieba w il-karattur u jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa. Ma kellhiex l-opportunita' li tezamina l-komportament aggressiv tal-kwerelanti fuq il-pedana tax-xhieda fejn infatti mill-kontro ezami ta' Albert Falzon, minn vide fol 89 'li quddiem jirrizulta li kienet il-Qorti stess li wissiet lill-kwerelant dwar dan l-atteggjament tieghu. Ghalhekk f'dan l-istadju, din li-Qorti tal-Appell ma tridx tara biss jekk l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli u legali fil-konkluzjonijiet taghha izda wkoll li tezamina x-xhieda bir-reqqa.

Illi huwa wkoll principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, illi din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fi-apprezzament tal-provi ezercitati mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. Dan hu propju l-kaz in ezami.

Illi fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti ikkommettiet diversi zbalji kardinali, u ghalhekk mill-ewwel telqet fuq sieq zbaljata. Ma hadet ebda kont tal-konfuzjoni shiha fil-verzjoni tal-kwerelanti. Kien pertinenti ghall-kwerelanti li jkunu konsistenti fix-xhieda taghhom u li jindikaw b'certezza dwar is-self kollu lilhom mghoddi u dwar il-pagamenti minnhom effettwati.

Illi sabiex setghet tirrizulta din l-akkuza, l-ewwel li kellu jigi stabbilit kien l-ammont li l-kwerelanti ssellfu u wara kellu jigi ezaminat bi provi konkreti li l-ammont misluf gie mhallas fi-intier tieghu. Ghal dan il-ghan ser l-esponent ser jaghmel riferenza ghal provi koliha prodotta mill-prosekuzzjoni mimi fejn jirrizulta li l-kwerelanti mhux talli ma kienux precizi izda talli hawdu kemm feihu fil-verzjoni taghhom.Mis-segwenti jirrizulta kunflitt ta' provi mressqa mill-prosekuzzjoni.

a. Dwar is-self moghti lil Giuseppi Falzon u lil ibnu Albert Falzon

Fid-dikjarazzjoni ta' Giuseppi Falzon li tinsab a fol 20 tal-process jibda billi jghid li fis-sena 1991 hu kellu bzonn Lm 1,000 bhala garanzija fuq in-negozju tieghu (a fol 80 irrizulta li din is-somma kellu bzonnha in konnessjoni man-negozju tieghu f'Bugibba) u flimkien ma' ibnu kien mar ghand l-esponent sabiex jissellef din is-somma. Jghid li kienu ftehim u bil-fomm li kellhom iroddu l-flus lura ftit ftit izda wara xi xhur, fil-prezenza tieghu ibnu kien ghadda Lm 1,000. Skont hu l-esponent kien qalithom li kien ghad jonqos xi pagamenti xi jsiru. Sostna wkoll li ma kienu jaghmlu xejn bil-miktub. Jghid li fis-sena 1995 l-esponent kien qallu biex jibda jaghtih xi haga u ghalhekk kien beda jghaddielu Lm 25 fil-gimgha. Filwaqt li jghid li ma kienu jaghmlu xejn bil-miktub fi-istess Mn jghid li xi drabi kien jiffirma fuq ktieb li ma jafx fejn hu. Kompla jghid li wara s-sena 1997.

Fix-xhieda moghtija mimi Giuseppi Falzon fis-16 ta' April 2012 huwa jghid xort ohra u jibda hekk:

1. *'kelli bzonn elf lira fl-80's u mort ghandu ma dan il-habib tieghu, taghni nine hundred, qalli, issa imbaghad dana bl-imghax'*. Jigifieri hawnhekk diga rrizulta li Giuseppi Falzon kien diga' ssellef minn ta' lanqas is-somma ta' Lm 1,000 qabel is-snin disghin u li hu kien ghandu ma hallasx dak dovut minnu.

2. Ikompli jixhed u jsostni li '*Mill-eightees san ninetees bqajt intih, daqqa hamsin, daqqa tletin Lira Maltin (Lm 30), daqqa fil-gimgha, daqqa fix-xahar, bqajt intihomlu sal-ahhar*. Dan jikkontrasta mad-dikjarazzjoni tieghu a fol 20 fejn qali li l-pagamenti kienu ta' Lm 25 fil-gimgha.
3. Ikompli jghid fix-xhieda tieghu li '*Imbaghad ridt il-flus kelli bicca xoghol ghad-dockyard u kelli bzonn naghmel elf iehor deposit u mort ghandu, mat-tifel, mort mat-tifel, qalli iva mela le u rega' taghni disa' mija u dawn kont qed intihomlu hamsa w ghoxrin lira fil-gimgha*'.
4. Meta mistoqsi kemm jikkalkula li hallas, huwa rrisponda fin-negattiv izda fi-istess waqt li ma ressaq ebda prova ta' pagament huwa allega li hallas madwar sitt darbiet jew seba' aktar minn dak misluf. Kompla jghid hekk '*ma nafx ezatt, ghax meta kien ikollna x-xoghol konna intuh xi haga biex nehilsu hux*'.
5. Illi mix-xhieda in kontro ezamit ta' Albert Falzon li tinsab a fol 86 tal-process irrizulta li m'huwiex minnu li Giuseppi Falzon issellef biss is-somma ta' Lm 2,000 ghaliex Albert Falzon meta mistoqsi jekk jafx kemm kien issellef missieru minghand l-esponent jghid 'le, lanqas idea, nghidlek ezatt, darba ha hames mija u tghajtohomlu jien lil Fanu'. Jigifieri hawnhekk zdiedu hames mija ohra ma dawn li kien diga rcieva Giuseppi Falzon.

Illi sa hawnhekk mix-xhieda ta' Giuseppe Falzon u Albert Falzon jirrizulta li Giuseppe Falzon minn ta' lanqas issellef is-somma komplessiva ta' Lm 2,500.

Fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2012 xehed Albert Falzon, iben Giuseppe Falzon. Huwa qal li kellu bzonn ta' Lm 1,000 minhabba n-negozju (dwar il-canteen) u billi ma setax jissellef mill-bank kien talab lill-appellant. Dawn ma kienux l-istess Lm 1,000 li jixhed dwarhom Giuseppe Falzon billi hu jghid li kellu bzonn Lm 1,000 bhala garanzija tan-negozju tieghu f'Bugibba u Albert Falzon jghid li hu kellu bzonn Lm1,000 in konnessjoni man-negozju tieghu, u cioe' l-canteen fix-shipbuilding. Sa hawn ghalhekk jirrizulta li minn ta' lanqas Giuseppe Falzon u ibnu ssellfu s-somma ta' Lm 2,500. Skont Albert Falzon missieru kien ihallsu Lm25 fil-gimgha. Iz-zewgkwerelanti naqsu milli jixhdu dwar jekk kienx qieghed jithallas is-self moghti lill-Giusppe Falzon jew altrimenti lil Albert Falzon.

Il-kwerelant Albert Falzon lanqas ma xehed kemm hu jew missieru damu jhallsu l-pagamenti ta' Lm25 u infatti qal li damu jhallsu j sena. Li ferm interessanti kif minkejja li xehed dan il-kwerelant, xehed ukoll li wara sentejn kien talab lill appellant sabiex 'jigded il-kont' meta hu stess qal li bejn wiehed u iehor kien jaf x'kien hallas. Xehed ukoll li gieli kien jaqbez xi pagamenti u meta mistoqsi dwar il-perjodu li hu ma hallas ebda centezmu hu xehed billi qal 'U hafna'.

Illi Albert Falzon u missieru Giuseppe Falzon jallegaw li hallsu s-somma ta' Lm1,000 f'pagament wiehed izda lanqas dan ma jirrizulta li hu minnu. Il-fatt li la Giuseppi Falzon u lanqas Albert Falzon ma jaqblux dwar kif din is-somma inghatat lill-appellant tkompli tikkonferma kemm dak li qeghdin jghidu huma m'ghandux mis-sewwa.

Mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

i. Fid-dikjarazzjoni tieghu a fol 20 tal-process Giuseppe Falzon jghid li wara xi xhur li ssellef is-somma ta' Lm 1,000 ibnu fil-presenza tieghu kien ghaddielu s-somma ta' Lm 1,000.

ii. Imbaghad fix-xhieda tieghu bil-gurament Giuseppe Falzon ma indika xejn dwar dan l-ammont.

*iii.* Fix-xhieda tieghu Albert Falzon donnu nesa dwar l-allegat pagament u bhal donnu kellu jfakkru dwarhom l-Ispettur Maurice Curmi. A fol 56 tal-process fuq domanda diretta tal-ispettur dwar l-elf ewro huwa xehed li '*Hallsu missieri, taghjtu elff'daqqa, ghidtlu, ejja wara erba' gimghat u flok wara erba' gimghat gie wara sitta . . ..'*

iv. Illi mbaghad biex ikompli jhawwad fil-verzjoni tieghu, in kontro-ezami a fol 88 meta Albert Falzon gie mistoqsi dwar dan huwa jixhed li l-appellant qallu li ghad jonqos li jhallas Lm1,000 u skont hu kellu elf lira maltin fi flus kontanti f'idejh u taghhomlu.

v. In kontro-ezami kompla jghid li l-appellant qallu li dawk ma kienux bizzejjed ghax kien jonqos ihallsu Lm 500 li dwar dawn Albert Falzon kien ghaddielu hames cekkijiet fis-somma ta' Lm 100. B'hekk huwa evidenti li Albert Falzon seta' facilment jghaddi l-hlas fis-somma ta' Lm 1,000

permezz ta' cekk pero' ghal xi raguni filwaqt li huwa jallega li hallas sitt darbiet aktar mirin dak li kien issellef, bhal donnu hassu komdu jhallas is-somma ta' Lm 1,000 cash u pagamenti ta' Lm l00 permezz ta' cekk. Dan il-fatt wahdu jun kemm il-verzjoni tal-kwerelanti m'ghandhiex mis-sewwa.

vi. Illi filwaqt li kemm Giuseppe Falzon u kif ukoll ibnu jghidu li s-somma ta' Lm 1,000 thaliset bi flus kontanti l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni zbaljata meta kkonkludiet hekk :-

> *'Wara sitt gimghat hareg cekk u tah lli missieru biex itihom lill-imputat u b'hekk wara sentejn ikunu lesti. L-imputat dam xi sitt gimghat biex mar ghac-cekk. Wara xi hmistax rega' mar u qallu lift! perjodu tas-sitt gimghat li stenna kienu teighu LM125 ftl-gimgha. Imbaghadftiehem mieghu li se jtih cekkijiet ta' LM100 ftl-gimgha. Ix-xhud izda ghamel stop-paymnent u lill-imputat qallu li ma kienx se jtih aktar flus'.*

Illi in vista tal-konfuzjoni fix-xhieda tal-kwerelanti Albert Falzon u Giuseppe Falzon, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt issib htija fl-appellant u dana billi fl-ewwel lok la saret prova sufficcjenti li l-pagament verament sar u fit-tieni lok billi l-kwerelanti ma jistghu qatt bhala xhieda kredibbli. Fit-tielet lok irrizulta li mimi ta' lanqas Giuseppe Falzon u Albert Falzon issellfu s-somma komplessiva ta' Lm 3,500. Huma qalu li damu madwar sentejn ihalisu fil-gimgha u li kieku l-pagamenti ta' Lm 25 kienu jsiru ta' kull gimgha dan ifisser li l-kwerelanti f'sentejn hailsu Lm 1,300 u b'hekk Lm 2,600. Ghalhekk huwa evidenti li l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni ta' htija in kwantu ghas-self moghti lil Albert Falzon, abbazi tal-fatt li strahet fuq il-verzjoni taghhom li effettivament huma kienu ghaddew is-somma ta' Lm 1,000 lill-appellant. Din il-konkluzjoni tal-Qorti hi zbaljata billi ma setghet qatt tistrieh fuq verzjoni li kif jirrizulta minn dak hawn fuq sottomess, m'ghandhiex mis-sewwa.

a. Dwar is-self moghti lli Stephen Zammit

Illi fid-dikjarazzjoni tieghu li tinsab a fol 24 tal-process Stephen Zammit xehed illi hu kien ser jizzewweg u kien qed ilesti l-post. Peress li dak iz-zmien kellu l-problema tal-loghob xi kultant kien jiehu xi flus li suppost kienu ghal finishings biex jilghabhom u biex il-mara tieghu ma tindunax b'dan kien jissellef. F'din id-

dikjarazzjoni Stephen Zammit jghid li ma jafx ezatt kemm kien issellef u b'hekk gialadarba l-istess kwerelant lanqas Hen jaf ezattament kemm issellef l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt tasal ghall-konkluzzjoni li hu hallas dak li kien ircieva minghand l-appellant flimkien ma imghax li jaccedi r-rata ta' tmienja fil-mija.

Fi-istess dikjarazzjoni tieghu Stepehn Zammit jghid li issellef bejn tmienja u ghaxar darbiet. Jghid ukoll li wara li telaq jahdem mill-canteen tas-Shipbuilding baqa' jhallas pagamenti ta' xi Lm 20 biex jaghlaq halq l-appellant. Fi-istess hin li jghid li huwa ghamel sitt xhur wieqaf mill-pagamenti u jghid ukoll li l-appellant kien waqaf idejqu pero ghal xi raguni fi-istess hin jghid li dak iz-zmien kienet thalisu l-mara tieghu madwar Lm 30 jew Lm 50 ta' kull gimgha. Illi wkoll Stephen Zammit jallega li ghamel l-istess pagament ta' Lm 1,000 lill-mara ta' Epifanio Azzopardi. Inoltre jghid ukoll li ghaddielu tiettax-il pagament ta' Lm l00.

Illi din id-dikjarazzjoni ta' Stephen Zammit tikkontrasta max-xhieda moghtija minnu fis-seduta tas-16 ta' Mejju 20l2. Minn dak li Stephen Zammit xehed bil-gurament irrizulta s-segwenti:-

1. Filwqt li fid-dikjarazzjoni tieghu huwa jghid kull darba kien hallas is-somma ta' Lm 800 fi zmien tmien gimghat ghal kull Lm500 li kien issellef, fix-xhieda tieghu umbghad jghid illi 'Dak iz-zmien l-ewwel darbtejn li ssellfit minn ghandu kont regolari qed inhalisum dejjem intih tminn mija taghhom. Wara certu zmien ma bqajtx intih daqshekk '. Allura jekk l-kwerelant qieghed jghid li kien issellef ghaxar darbiet minghand l-appellant kif jispjega l-fatt li waqaf ikun regolari fil-pagamenti wara l-ewwel darbtejn? Kif thallas il-kumplament tas-self? Huwa possibbli li l-kwerelant qieghed jallega li hallas imghax bir-rata ta' aktar minn tmienja fil-mija ghaliex allegatament il-mara tieghu ghaddiet xi pagamenti fi-ammont ta' Lm20 jew Lm30. Li naqas milli jispjega Stephen Zammit huwa dwar kif kienu jsiru l-pagamenti da parti tieghu meta ma kienx ikun regolari fil-hlas!!
2. Fis-seduta tas-16 ta' Mejju Stephen Zammit jghid li dam jaghmel pagamenti mis-sena 1991 sal-1994.

3. Illi mbaghad fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2014 jghid li l-ewwel darba li ssellef kien fis-sena 1992 jew fis-sena 1993. Huwa fatt indubitat li Stephen Zammit m'huwiex jghid dak li hu mis-sewwa huh lanqas m'hu konsistenti dwar il-perjodu li fih huwa kien jissellef il-flus minghand l-appellant.
4. Fl-istess seduta tal-24 ta' Novembru in kontro ezami meta mistoqsi dwar jekk ghandux xi ircevuta tal-pagamenti li kien jaghmel, filwaqt li Albert Falzon jghid li meta kien jahdem is-Shipbuilding l-appellant kien jiffirmathom fuq notebook, Stephen Zammit jghid xort'ohra billi jsostni li kien thallsu minghajr ma jghaddielu rcevuta.
5. Filwaqt li fid-dikjarazzjoni jghid li ssellef bejn tmienja u ghaxar darbiet issa in kontro ezami jghid li ssellef bejn ghaxra u tnax-il darba.
6. Fix-xhieda tieghu in kontro ezami meta mistoqsi jekk kienx hemm cirkostanzi fejn hu talab aktar mis-somma ta' Lm500 huwa xehed li 'Jista' jkun ukoll pero' ma niftakarx liema data ezatt pero' naf li zgur'.
7. Illi l-kwerelant jallega li martu kienet tmur taghmel il-pagament lill-mart l-appellant pero dan inghad unikament ghaliex illum il-gurnata mart l-appellant hija mejta u b'hekk ma kienx possibbli tixhed dwar jekk dak li xehed Stephen Zammit ghandux mis-sewwa. Li hu ferm interessanti pero huwa li filwaqt li l-kwerelant jghid li martu kien thallas ta' kull gimgha, il-prosekuzzjoni naqset tgharraf lill-Ewwel Qorti dawn din l-allegazzjoni.

Illi bhala stat ta' fatt l-unika prova migjuba tal-allegat hlas kienu l-pagamenti li saru permezz ta' cekkijiet li dawn ma jammontawx ghal aktar mimi aktar minn Lm 1,400 filwaqt li jirrizulta li Stephen Zammit issellef minn ta' lanqas l-ammont komplessiv ta' Lm 6,000.

Illi l-kwerelant Stephen Zammit ma jista' qatt ikun kredibbli meta jghid li hu jghid li kien fil-bzonn tal-flus pero fl-istess hin jghid li kien ihallas pagamenti fis-somma ta' Lm100 fil-gimgha. Huwa inverosimili li persuna li tissellef flus fi kwantita kbira kif kien jaghmel Stephen Zammit, ikun possibbli ghalih li jhallas pagamenti ta' Lm100 fil-gimgha.

Illi fl-ahharnett jinghad illi l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta kkonkludiet li l-versjoni moghtija mill-parte civile ghandha mill-veru u hija kredibbli u skartat ix-xhieda tal-appellant li cahad b'mod mill-aktar kategoriku li hu kien ircieva dak li kien sellef lill-kwerelanti. F'dan ir-rigward l-Ewwel Qorti ma hadet ebda konjizzjoni tal-fatt li mill-interogazzjoni tal-Ispettur tal-Pulizija in konnessjoni mas-seif moghti lill-kwerelanti, l-appellant ma ghamel riferenza ghal ebda dokument billi naturament l-ebda akkuzat ma jigi infurmat mill-ufficcjal tal-pulizija dwar il-kaz li huwa jkun ser jigi interrogat dwaru. Kien ghalhekk illi fuq il-pedana tax-xhieda l-appellant ikkjarifika l-ammonti li ghadhom dovuti lilu. Mill-banda 'l ohra l-kwerelanti fl-istqarrija taghhom bil-miktub lill-Pulizija Ezekuttiva minkejja li kellhom il-hin kollu taghhom biex jiddikjaraw dak illi dwar xtaqu li tittiehed azzjoni kriminali mill-pulizija, ma ddejqu xejn idawwru u jghawwgu l-fatti fuq il-pedana tax-xhieda.

Illi jista' jinghad liberament illi fil-hajja kull mm isellef lli haddiehor qieghed b'xi mod jaghmel att ta' ghajnuna. Ghalkemm mm jissellef ma jqisx dan l-att bhala wiehed ta' karita', peress illi jkun ser jhallas l-interessi, in rejalta' minn isellef ikun qieghed jghin bil-kbir lli persuna l-ohra u f'kazijiet bhal dawk oderjn, wiehed jista' ukoll jinterpreta l-istess bhala gest karitatevoli.

Fil-kaz odjern ghathekk fi-isfond ta' dak li ntqal fl-ahhar paragrafu, minflok ma att karitatevoli gie rikambjat b'att karitatevoli iehor, giet istitwita l-kawza odjerna — il grazzi li kwazi kwazi jaghti lok li wiehed legalment u ragjonevolment jibda jikkonsidra li l-esponent li ghandu l-eta' ta' tmenin sena huwa l-vittma ta' frodi da parti tal-familja Falzon u l-imsemmi Stephen Zammit li wkoll hu membru tal-istess familja. Apparti minn hekk irrizulta li Stephen Zammit kellu l-vizzju tal-loghob u ta' min jghid li persuni bhal ma hu Stephen Zammit ikunu furbi u jkunu jafu sew kif ghandhom jghaddu biex jevitaw l-obligazzjonijiet taghhom.

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk din li- Qorti joghgobha tichad l-aggravju dwar is-sejbien ta' htija, jirrizulta wkoll li ghalkemm il-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda li tirrientra fil-parametri tal-ligi, jinghad li fic-cirkostanzi tal-kaz din hi wahda eccessiva.

Illi l-piena effettivament kienet wahda manifestament eccessiva, sproporzjonata u li m'ghamlitx gustizzja mal-appellant, anke jekk kieku wiehed kellu ghal moment wiehed biss jaccetta li l-appellant verament sellef xi flus b'rata ta' imghax ghola minn dik permessa bil-ligi. Lanqas hemm dubju wkoll li l-piena hi sproporzjonata ghaliex hemm avarija enormi bejn il-piena li tigi inflitta f'kazijiet identici meta jkun hemm ammissjoni, u fil-kaz odjern.

Kif inghad fi-appell kriminali deciz fis-26 ta' Marzu, 2009 minn din l-Onorabbli Qorti fi-ismijiet Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci, "mhux normali li din il-Qorti tal-Appell li tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kzf gie ritenut fi-Appell Kriminali (Superjuri): "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler" l26.2.2009:- "il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewweu Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lill xi aspett partikolari tau-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tau-Ewweu Qorti) U jkun jincidi b'mod partikolari fuq il-piena). (Ara wkoll "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard" 20.3.2009 App. Krim. Superjuri)"

Kif gja inghad, huwa minnu wkoll illi l-Prosekuzzjoni tista' targumenta li l-appellant ghazel li ma jirregistrax ammissjoni, pero' huwa daqstant iehor minnu li hadd ma jista' jigi punit ghax jaghzel li jikkontesta l-akkuza dedotta fil-konfront tieghu partikolarment fil-kaz odjern meta hemm kontestazzjoni serja kif inghad aktar qabel, ghalhekk tista' taghti lok ghal temperament fil-piena u tali kontestazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti saret b'mod lejali u korrett - u lanqas hu sew li jkun hemm daqstant avarija enormi bejn mm jaghzel li jikkontesta u jaghzel li jammetti — anke billi skont il-gurisprudenza d-discount fil-piena li jinghata lill-min jammetti mhux daqstant qawwi daqs id-diskrepanza fil-piena li kien hemmm f'dan il-kaz ma' pieni solitament erogati mill-istess Ewwel Qorti.

Illi l-appellant ilium il-gurnata ghandu l-eta' ta' kwazi tmenin sena u ghathekk hu pensjonant. L-uniku ntorjtu tieghu huwa i-beneficcju socjali li jircievi mill-Istat.

B'hekk huwa evidenti li l-multa inflitta minn i-Ewwei Qorti fis-somma ta' erbat'elef Ewro tfisser li l-appellant ser ikoliu jiccahhad mlii-htigijiet essenzjali sabiex jghix hajja dicenti.

Ikkunsidrat,

Illi l-lanjanza ewlenija imqanqla mill-appellanti hija marbuta mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti u dan meta jishaq illi mill-atti probatorji ma jirrizultax illi kien hemm xi ftehim bejn l-appellanti u l-parti leza illi r-rata ta'imghax ghal flus mislufa kellha teccedi it-8%. Tonqos ukoll l-prova tal-hlas tal-ammont misluf.

Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper"** ([1969] :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict* (f'dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti mill-Magistrat*), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Confer also : BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi ghalhekk, "kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn)[1]"

[1] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008

Issa l-appellanti qieghed jaffaccja akkuza dwar uzura, reat li gie introdott fil-legislazzjoni penali taghna permezz ta'l-Att III ta'l-2002 bl-artikolu 298C li jipprovdi hekk:

***Kull min jirċievi mingħand xi ħadd ieħor jew jikseb mingħand xi ħadd ieħor xi wegħda li jingħataw, lilu jew lil oħrajn, b'korrispettiv għal xi self, mgħaxijiet jew xi qligħ ieħor taħt liema għamla jkun b'eċċess minn dak li jkun permess bil-liġi, jeħel, meta jinsab ħati…."***

Illi dan ir-reat gie ifformulat fuq l-artikolu 644 tal-Codice Penale Taljan ghalkemm il-kliem adoperat mill-legislatur malti mhuwiex identiku ghal dak l-artikolu tal-ligi[2], liema disposizzjoni tal-ligi taljana sussegwentement giet emendata.

Dan ifisser allura illi *"l-uniku element mehtieg fil-ligi taghna hu li dak li jkun jikseb weghda li jinghataw b' korrispettiv ta' self, imghaxijiet jew xi qliegh iehor b' eccess ta' dak li jkun permess mill-ligi. Dan l-eccess jitkejjel fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1139 tal-Kodici Civili li jipprovdi ghal rata ta' 8%. Hemm umbaghad l-artikolu 1854 tal-Kodici Civili li jiddisponi li fejn ir-rata tal-imghax ma tkunx giet miftehma, l-imghax ghandu jitqies bil-5%. Ghal dan il-principju hemm xi eccezzjonijiet li japplikaw fil-kazijiet ta' banek, meta jinhargu bonds ghall-pubbliku, eccetera, fejn ikun permess li dak li jkun jintrabat ghall-hlas ta' imghax ta' aktar minn 8%, li pero' kjarament mhumiex rilevanti ghall-kaz in dizamina.*[3]"

Mela allura b'applikazzjoni ta' dan l-insenjament u dak li tipprovdi il-ligi jirrizulta illi l-konsumazzjoni tar-reat isehh hekk kif issir il-weghda li jithallas imghax oghla minn dak permess bil-ligi. Ighid hekk il-gurista Francesco Antolisei:

*"La consumazione si verifica nel momento in cui gli interessi o vantaggi usurari sono dati o semplicemente promessi, e cioe' nel momento della patuazione. Non esiste alcuna valida ragione per negare la configurabilita del tentattivo."*

Il-gurista ikompli ighid illi huwa tal-fehma illi dan ir-reat ghalkemm wiehed istantanju (u mhux reat permanenti) madanakollu ghandu effetti permanenti u dan tul iz-zmien meta isiru il-hlasijiet relattivi tal-imghaxijiet in esekuzzjoni tal-patt

[2] 644, 1° "si ha quando taluno si fa dare o promettere, sotto qualsiasi forma, per se' o per altri, in corrispettivo di una prestazione di denaro o di altra utilita', interessi o altri vantaggi usurari."
[3] App.Krim.Inf. Il-Pulizija vs George Xuereb – deciza 15/01/2009

uzurarju bil-konsumazzjoni ta'l-istess izda issehh mal-mument tal-kontrattazzjoni illecita.

Ikompli dwar l-element formali tar-reat:

*"Il dolo e' costituito dalla volonta di farsi dare o promettere determinati interessi o vantaggi che superano il limite legale, con la coscienza ... che gli interessi o altri vantaggi o compensi sono sproporzionati rispetto alla propria prestazione ..[4]"*

Mela allura dak illi irid jirrizulta mill-provi huwa qabel xejn dan il-ftehim ta' self bejn l-vittma u l-awtur tad-delitt, bil-konsapevolezza tal-awtur illi qed jintalab imghax jew qliegh in eccess minn dak permess fil-ligi.

***"Kull ma hu mehtieg hu li l-mutwant jkun konsapevli tal-fatt li qed jislef flus versu korrispettiv, imghax jew qliegh iehor li jkun in eccess ghal dak permess mill-ligi. Evidenza ta' din l-intenzjoni tista' tigi prezunta minn atti li jkunu jindikaw li qed tinheba l-vera portata w in-natura tas-self u l-korrispettiv....***

***Lanqas ma hu mehtieg li jigi pruvat li jkun il-mutwant li jkun ghamel xi pressjoni fuq ilmutwatarju biex jidhol ghal dak is-self abuziv. Bizzejjed li jkun hemm l-accettazzjoni tat-tnejn.***[5]"

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet legali u gurispridenzjali u ezaminati l-atti probatorji mill-gdid, din il-Qorti tistqarr minnufih li ma tara l-ebda raguni 'il ghala ghandha titbiegħed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti fir-rigward ta'l-apprezzament tal-provi maghmul minnha. Ibda biex l-allegazzjoni illi l-appellanti kien jislef il-flus fuq l-idejn tirrizulta mix-xhieda ta' tlieta minn nies u cioe' Giuseppi u ibnu Bertu Falzon, kif ukoll Stephen Zammit, oltre ghall-ammissjoni maghmula mill-appellanti stess. Mhux biss izda jirrizulta illi fir-rigward ta' self ta' flus li sehh fl-1991, l-appellanti kien ghadu qed jitlob il-flus minn ghand il-parti leza saz-zmien meta sar ir-rapport lill-pulizija fl-2011 u allura ghoxrin sena wara[6]! Illi mix-xhieda ta' dawn it-tlieta minn nies jirrizulta illi l-appellanti mal-mument tal-kontrattazzjoni tas-self kien jindika illi l-hlas lura kellu ikun f'ammont ferm akbar, li allura kien

---

[4] Manuale di Diritto Penale - Parte Speciale I (2016)
[5] App.Krim Il-Pulizija vs George Xuereb gja iccitata.
[6] Ara kwerela a fol.23

ikopri imghaxijiet iktar minn dak permess fil-ligi. Mhux biss izda jidher illi kien jibqa' jitlob il-pagamenti anke wara li jkun sar l-hlas tal-ammont pretiz u jibqa' jippersegwita lill-vittmi tieghu dejjem ghal aktar flus. Illi kif tajjeb ikkonkludiet l-Ewwel Qorti, l-appellanti, ghalkemm ighid fix-xheida tieghu li kien izomm rendikont tal-hlasijiet u anke kellu xi ktieb f'idejh u beda jaghti x-xhieda tieghu minnu, madanakollu dan id-dokument qatt ma gie esebiet ghall-iskrutinju tal-Qorti, jew ghal ta'l-inqas kopja ta'l-istess ghajr ghal zewg karti li jindikaw l-ammonti allegatament mislufa. *Di piu'* huwa ukoll inverosimili kif l-appellanti ghal self li sar madwar ghoxrin sena ilu u li skont hu baqa ma thallasx lura, ma ipprocediex legalment kontra id-debituri tieghu tul dan il-perijodu taz-zmien kollu. Mhux biss izda l-appellanti jidher illi kien ifittex mhux biss il-hlas ta'l-imghaxijiet minn ghand l-parti leza izda kien jippretendi li jiekol mill-kjosk taghhom b'xejn kif tirrimarka l-Ewwel Qorti. Hija ukoll dubbjuza r-raguni 'il ghala meta kien isir xi pagament l-appellanti jew martu, li kienet tiehu l-izbriga tigbor il-flus ukoll, qatt ma kienu johorgu ricevuti ghal dawn l-hlasijiet. Illi allura posti dawn id-dubbju fix-xhieda ta'l-appellanti, l-Ewwel Qorti gustament tat affidament li dak li xehdu l-parti leza li wara diversi snin jigu ippersegwitati ghal flus, huma fl-ahhar hassew li ma kellhomx triq ohra ghajr li jirrapurta dawn il-fatti lill-pulizija sabiex jehilsu mill-persekutur taghhom.

Illi l-appellanti subordinatament iressaq lanjanza ohra rigward l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti billi jishaq illi din hija in kwantu eccessiva tenut kont tal-fatt illi l-appellanti illum huwa pensjonant ta' tmenin sena u l-introjtu tieghu huwa wiehed limitat. Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".

**"As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):**

**""The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**

**This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.[7]"**

Issa l-piena stabbilita ghar-reat in dizamina hija dik tal-prigunerija ta' mhux aktar minn 18-il xahar u l-multa ta' bejn l-€2329.37 u €34,940.60. Illi allura meta l-Ewwel Qorti erogat il-piena ta' sitt xhur prigunerija li *di piu'* giet sospiza ghal perijodu ta' sentejn u dan bl-applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, flimkien ma'

[7] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek tal-25 ta' Awissu 2005

multa ta' €4000, din kienet iktar ixxaqleb lejn il-minimu u allura din il-Qorti ma tara l-ebda mottiv li jista' iwassalha titbieghed minn din id-decizjoni.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur